**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 89/00***

***Pulizija***
***Sp. Nicholas Ciappara***
***v***
***Sinclair Mifsud***

Illum 15 ta' Frar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali** (semplici) tad-droga eroina u **Traffikar** tal-istess droga – *riferibbilment ghal tnax il-xahar qabel il-31 ta' Lulju 1998;* kif ukoll **recidivita'**

Illi wara smigh tal-provi, l-imputat ammetta l-akkuzi dedotta kontra tieghu. Ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provati skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-**fedina penali nadifa netta** kif ukoll l-fatt li l-imputat ghen lill-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u ghandu jibbenefika minn **diminuzzjoni fil-piena b' inzul ta' zewg gradi fit-termini tal-Artikolu 29 tal-Kap.**

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat **iffinalizza b' success programm ghar-riabilitazzjoni kontra d-droga** mal-agenzjija *Sedqa* u llum l-gurnata ghandu xoghol regolari.

In oltre, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li r-reat ta' traffikar gie kommess fuq skala zghira hafna.

In vista tal-premess il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tghati piena karcerarja bazata fuq il-minimu, u tghamel rakkomandazzjoni qawwija lill-awtorijiet kompetenti sabiex il-perijodu ta' prigunerija jigi traskors fil-*Kommunita' ta' Santa Marija,* fil-parametri ta' dak li jippermettu r-regolamenti relattivi.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond akkuzi ai termini tar-regolamenti 4 u 8 tal-GN 292/39 u l-Artikolu 22 (2)(b)(I) tal-Kap.101 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 u tikkundannah ghal-***piena ta' prigunerija ghal zmien xahar u multa ta' mitejn lira maltin (LM200).***

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***